

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1033/2010**tal-15 ta' Novembru 2010**

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1505/2006 fir-rigward tar-rapporti annwali tal-Istati Membri dwar ir-riżultati tal-kontrolli li jitwettqu fir-rigward tal-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-annimali ovini u kaprini

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

Il-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 21/2004 tas-17 ta' Diċembru 2003 li jistabbilixxi sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-annimali ovini u kaprini u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1782/2003 u direktiva 92/102/KEE u 64/432/KEE⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu u l-punt (a) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 10(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1505/2006 tal-11 ta' Ottubru 2006 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 21/2004 fir-rigward tal-livell minimu ta' kontrolli li għandhom isiru fir-rigward tal-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-annimali bovini u kaprini⁽²⁾ jistipula li l-Istati Membri għandhom iwettqu kontrolli sabiex jivverifikaw il-konformità minn dawk li jżommu l-annimali mar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 21/2004.
- (2) Barra minn hekk, ir-Regolament (KE) Nru 1505/2006 jistipula li l-Istati Membri għandhom iressqu rapport annwali lill-Kummissjoni kull sena, skont il-mudell stabbilit fl-Anness tiegħu, dwar ir-riżultati tal-kontrolli mwettqa fil-perjodu ta' spezzjoni annwali preċedenti.
- (3) Il-ġbir tad-dejta matul il-proċess tar-rappurtaġġ għandu jkun xieraq u proporzjonat għall-għanijiet segwiti.

Għall-fini ta' rappurtaġġ aktar immirat u aktar xiera q-għall-iskop, ċerti rekwiżiti kif ukoll il-mudell tar-rapport stabbilit fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1505/2006 għandhom jiġu ssimplifikati biex jiprovvdu aħjar l-informazzjoni rilevanti dwar l-implementazzjoni tal-kontrolli u biex jiġi evitat piż amministrattiv mhux meħtieġ.

- (4) Ir-Regolament (KE) Nru 1505/2006 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.
- (5) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1505/2006 għandu jiġi emendat kif ġej:

- (1) Fl-Artikolu 7, il-punt (b) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:
“(b) in-numru ta' azjendi li ġew ikkontrollati;”
- (2) L-Anness għandu jiġi emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Novembru 2010.

*Għall-Kummissjoni**Il-President*

José Manuel BARROSO

⁽¹⁾ ĠU L 5, 9.1.2004, p. 8.⁽²⁾ ĠU L 280, 12.10.2006, p. 3.

ANNESS

L-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1505/2006 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"ANNESS

Rapport tar-riżultati tal-kontrolli li saru fis-settur ovin u kaprin fir-rigward ir-rekwiżiti għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' dawk l-annimali skont ir-Regolament (KE) Nru 21/2004

- Informazzjoni ġenerali dwar l-azjendi, l-annimali u l-kontrolli.

In-numru totali ta' azjendi fl-Istat Membru fil-bidu tas-sena tal-perjodu tar-rappurtaġġ (¹)	
In-numru totali ta' azjendi kkontrollati tul is-sena tal-perjodu tar-rappurtaġġ	
In-numru totali ta' annimali rreġistrati fl-Istat Membru fil-bidu tas-sena tal-perjodu tar-rappurtaġġ (¹)	
In-numru totali ta' annimali kkontrollati fl-azjendi tul il-perjodu tar-rappurtaġġ (¹)	

(¹) Jew data ta' referenza nazzjonali oħra għall-istatistika dwar l-annimali.

- Sejbiet ta' nuqqas ta' konformità

Numru ta' azjendi b' nuqqas ta' konformità	
--	--

- Penalitajiet imposti

Numru ta' azjendi b'penalitajiet imposti"	
---	--